**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 53

Data tal-laqgħa: L-Erbgħa 12 ta' April 2023

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-05.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Daniel Mallia – Viċi Sindku
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Ħadd ma kien assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ħadd ma kien assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

### 53.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

53.1.1 Ma kienx hemm ittri ta’ apoloġiji.

### 53.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 52

53.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tat-tnejn u ħamsin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

53.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti. Korrezjonijiet ma kienx hemm.

53.2.3 Fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini, li kien issekondat mill-Kunsillier Joseph Zahra, l-minuti tat-tnejn u ħamsin laqgħa ġew approvati unanimament.

### 53.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita Numru 1

53.3.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-ewwel laqgħa tal-lokalita għas-sena 2023. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

53.3.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti. Korrezjonijiet ma kienx hemm.

53.3.3 Fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mis-Sindku Anthony Dalli, l-minuti tal-ewwel laqgħa tal-lokalita għas-sena 2023 ġew approvati unanimament.

### 53.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

53.4.1 Is-Sur Dalli nforma lil Kunsilliera kif il-proġett tat-tibdil tal-pavimentar f’parti fi Vjal it-Trasfigurazzjoni beda din il-ġimgħa. L-Ewwel intervent ser ikun jikkonsisti fit-tpoġġija ta’ main ġdid ta’ l-ilma mill-WSC, u dan b’parti mill-ispiża ta’ EUR 11,000 trid tinħareġ mill-Kunsill.

53.4.2 Is-Sindku qal li nhar ta’ Tlieta 4 t’April huwa kellu meeting fil-Pjazza Trasfigurazzjoni mas-Sur Matthew Dimech mill-BCRS dwar is-sit biex isiru l-containers għal ġbir tal-flixken riċiklati. Is-Sur Dimech qabel mal-proposta tal-kunsill, li dawn il-containers jitpoġġew wara l-latrini pubbliċi ta’ l-istess pjazza u se jieħu ħsieb li jġib il-permessi kollha mill-entitajiet kollha kkonċernati.

53.4.3 Is-Sur Dalli tkellem dwar il-meeting li attenda għalih flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv għand l-Awtorita ta’ l-Ippjanar dwar is-sit indikat fi Vjal it-Trasfigurazzjoni biex jinbena s-sede tal-Kunsill Lokali. Issa l-Awtorita stqarret li dak is-sit skond il-Local Plan huwa riservat bħala parti mill-kumpless għal-rikreazzjoni. Għalhekk ma jistax joħroġ permess għal binja tal-Kunsill Lokali jekk ma ssirx emenda għal dan l-iskop, u dan mhux kif kien indikat lilna fis-seduta mac-Chairman ta’ l-istess Awtorita qabel ma ġibna l-permess ta’ fejn qiegħed l-uffiċċju llum. Jiġifieri l-kunsill irid jibda jfittex u jaħseb mill-ġdid dwar post fejn jista jinbena s-seda tal-Kunsill Lokali.

***Il-Ħin kien 5:07pm x’ħin wasal il-Viċi Sindku Daniel Mallia.***

### 53.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

53.5.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm, pero kien hemm xi mistoqsijiet żgħar li saru verbalment dak il-ħin li s-Sindku ma kellux oġġezzjoni jwieġeb għalihom.

53.5.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet bejn wieħed u ieħor kemm ser jieħu biex jitlesta x-xogħol tal-pavimentar fi Vjal it-Trasfigurazzjoni, il-parti ta’ ħdejn it-Torri u jekk ikunx lest minn hemm sa Ġunju. Is-Sindku wieġeb kif iva sa Ġunju l-kuntrattur għandu suppost ikun nieżel ħafna l-isfel minn ħdejn it-Torri.

53.5.3 Is-Sur Zahra staqsa kemm ser tidjieq l-bankina fi Vjal it-Trasfigurazzjoni u s-Sindku wieġeb kif din ser tidjieq b'xi pied jew tnejn.

53.5.4 Is-Sur Zahra staqsa lis-Sindku jekk tistax tintbgħat imejl lil TM biex tiġi friskata l-grid box is-safra li hemm kif toħroġ minn Vjal it-Trasfigurazzjoni. Is-Sur Dalli qalli nfurmah kif il-kunsill mhux l-ewwel darba li ser ikun kiteb lil TM dwar dan, pero ser terġa tintbgħat imejl ieħor b'din it-talba.

## 53.6 Korrispondenza

53.6.1 Is-Sindku għamel rimarka dwar korrispondenza numru 0173 bl-isem 'Maintenance of Lija tennis court'. Huwa qal li tat-Tennis bħala għaqda qatt ma ngħataw għajnuna b'permezz tal-iskemi ta' għajnuna lil għaqdiet jew sport li joħroġ ir-Reġjun. Għalhekk is-Sur Dalli ppropona li dawn jingħataw finanzjament ta' għajnuna minn skema tar-Reġjun bħal ma ngħataw l-għaqdiet l-oħra fir-raħal. Kien hemm qbil unanimu biex dawn jingħataw s-somma ta' 500 EUR.

53.6.2 Is-Sur Zahra xtaq ikun jaf dwar xiex titratta korrispondenza numru 0180. Is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku nfurmawh kif dik kienet titratta dwar aċċident fejn karozza inqabdet bil-camera dieħla fuq il-bring-in-sites li hemm fi Triq Preziosi kantuniera ma' Triq il-Mosta.

53.6.3 Il-Viċi Sindku Daniel Mallia staqsa dwar korrisponenda numru 0164. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu kif il-kunsill ġie nfurmat minn resident li l-kuntrattur li qed jaħdem fejn il-ground fi Triq Robert Mifsud Bonniċi, qed iweħħel it-tabelli tan-no parking signs bl-imsiemer ta' kull darba li dawn jaf ikunu tal-periklu għal min jgħaddi minn fuq l-bankina għax jista jolqot magħhom speċjalment għat-tfal. Il-Kunsill diġa ħa azzjoni fejn l-ħaddiema marru jaqilgħu dawn l-imsiemer imma ġara li reġgħu tweħħlu. Issa ser jiġi nfurmat il-kuntrattur biex meta jingħata n-no parking signs ma jibqax iweħħel bl-imsiemer.

53.6.4 Il-Kunsillier Ċini ried ikun jaf x'inhi korrispondenza numru 0161. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu kif dik hija tfakkira ġenerali biex l-kunsill ma jiżborx ħaxix selvaġġ qabel Mejju, skond il-ftehiem li hemm ffirmat bejn il-kunsill u l-għaqda tan-naħal.

53.6.5 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet dwar korrispondenza numru 0179. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatha kif kopja ta' din il-korrispondenza intbgħatet għall-informazzjoni tal-kunsilliera kollha u titratta dwar ċirkulari mibgħuta mid-dipartiment tal-Gvern Lokali dwar re-branding li qed isir tal-istess dipartiment.

## 53.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni Tar-Rapport Amministrattiv għas-sena 2022

53.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill kopja tar-rapport amministrattiv li hija preparat għas-sena 2022. Kopja tar-rapport Amministrattiv intbgħat lis-sindku u l-Kunsilliera minn qabel.

53.7.2 Fil-qasir is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif dan ir-rapport jispjega fid-dettal l-ħidma li saret mill-kunsill kollu tul is-sena 2022. Apparti l-ħidma li wettaq l-kunsill, dan ir-rapport jiġbor fih ukoll stampa ċara tal-iskemi kollha li l-kunsill applika għalihom; tal-attivitajiet u meetings li attenda; tas-servizzi li ġew mgħottija lir-residenti; lista ta' proġetti li twettqu għal ġid tal-komunita; dettalji dwar l-infiq u d-dħul tal-kunsill matul is-sena sħiħa u ħafna aktar dettalji bħal dawn.

53.7.3 Is-Sinjorina Borg ukoll qalet li għadt baqa xi kunsilliera li għadhom ma batux ir-rapport ta' ħidma tagħhom u għandhom jibgħatu dan ir-rapport kemm jista jkun malajr ħalli jiġu nklużi fl-aħħar tar-rapport amministrattiv, kif għandu jkun.

53.7.4 Ir-Rapport Amministrattiv li ġie ppreparat għas-sena 2022, ġie approvat unanimament mill-kunsill fuq proposta tal-Viċi Sindku Daniel Mallia li kien issekondat mill-Kunsillier Joseph Zahra.

## 53.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni Tar-Rapport ta' kull kwart għal perjodu Jannar – Marzu 2023

53.8.1 Dan l-item kellu jiġi maqbuż u ser jitella fis-seduta li jmiss, peress li l-accounting technician u l-accountant għadhom qed jaħdmu fuq dan ir-rapport u mhux lest.

## 53.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni – Sejħa ġdida ta' impjieg għal Skrivan fuq bażi F/T

53.9.1 Is-Sinjorina Borg ressqet fuq il-mejda tal-kunsill, ittra ta'riżenja tas-Sur Roderick Debono mill-kariga tiegħu ta' Skrivan (SKALA 15) fuq bażi F/T, datata 03 ta' April 2023. Is-Sinjorina Borg qalet kif kienet l-għażla tas-Sur Debono li jtemm il-kuntratt ta' impjieg tiegħu mal-kunsill lokali u skond il-kuntratt tiegħu, mit- 3 ta' April 2023 huwa għandu disgħin il-ġurnata ta' notifika li jrid jaħdem qabel ma jitlaq.

53.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv b'konsultazzjoni mas-Sindku talbet biex inkonnessjoni ma' din ir-riżenja, tingħata l-approvazzjoni biex tibda bl-implementazzjoni ta'proċedura għal sejħa ġdida, għal skrivan (SKALA 15), fuq bażi full-time.

53.9.3 Il-Kunsill unanimament fuq proposta tal-Kunsillier Joseph Zahra li kien issekondat mis-Sindku Anthony Dalli, approva l-ħruġ ta' din is-sejħa l-ġdida, ta' vakanza għal skrivan fuq bażi full-time.

## 53.10 Bidu tal-preparazzjonijiet għal Jum Ħal Lija 2023

53.10.1 Is-Sindku tkellem dwar Jum Ħal Lija u bżonn li jibdew isiru ċertu preparazzjonijiet għal dan l-avveniment. Għal din is-sena 2023, Is-Sur Dalli ppropona li jsir program indikattiv li jitwettaq bejn it-2 u s-6 ta' Lulju. Il-program li ppropona s-Sur Dalli huwa kif spjegat hawn taħt.

53.10.2 Il-Ħadd 2 ta' Lulju – ssir Quddiesa tad-9.30am b'ringrazzjamnet lil Alla għat-30 sena mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali. Isir talb b'mod speċjali għall-Kunsillieri u mpjegati mejta li servew f'dan il-Kunsill.

53.10.3 It-Tnejn 3 ta' Lulju – issir żjara kulturali l-Birgu.

53.10.4 It-Tlieta 4 ta' Lulju – issir attivita ta' Sports bil-lejl għat-tfal u ġenituri, flimkien mal-għaqdiet sportivi kollha tal-lokalita (Nursery Lija/Iklin, Team tan-Nisa Lija, Boċċi Klabb, Lija Tennis Club u Club 51 'tal-Ħamiem'). Is-Sur Dalli qal li qed jiprova jara kif din l-attivita ssir fil-Ground ta' Ħal Lija / Ħal Balzan. Din l-attivita għandha tkun parti mill-Attivitajiet European Region of Sports 2023 u l-finanzjament kollu jittieħed mill-fondi li hemm tar-Reġjun Lvant għal dawn l-attivitajiet. Il-Viċi Sindku Daniel Mallia ser ikun qed jassisti lis-Sindku fit-tħejjija ta' din l-attivita.

53.10.5 L-Erbgħa 5 ta' Lulju – Issir ħarġa għall-anzjani kollha tal-Lokalita. F'din l-attivita l-Kunsill se jagħmel dak kollu li jista biex joħorġu kemm jistgħu anzjani u l-kunsill ikun ta' għajnuna biex dawn jintegraw aktar, speċjalment dawk l-anzjani li m'għandhom lil ħadd u huma weħidhom. Is-Sur Dalli tal-parir li din l-attivita jekk possibbli jinġieb kunsens biex issir fil-ġnien tal-Ministeru ta' Julia Farrugia.

53.10.6 Il-Ħamis 6 ta' Lulju – issir iċ-ċelebrazzjoni uffiċċjali ta' 30 sena kunsilli Lokali b'permezz ta' Serata Muziko Letterarja bit-tema Ħal Lija. F'din is-serata jingħata Ġieħ Ħal Lija ser jingħata biss lil Sindki li servew tul l-aħħar 30 sena inkluż is-Sindku attwali li qed jiċċelebra t-30 sena tiegħu fil-Kunsilli u kif ukoll lil Viċi-Sindki u Kunsilliera inkluż dawk tal-Kunsill preżenti. (Għal dawk li ġew neqsin, ikun hemm jidher għalihom xi ħadd tal-familja). Għal din is-sena mhux ser jiġu aċċettati nominazzjonijiet oħra għal Ġieħ Ħal Lija.
F'din is-Serata ser jingħata wkoll ċertifikat ta' apprezzament lil dawk is-Segretarji Eżekuttivi, Uffiċċjali u mpjegati li servew f'dan il-Kunsill tul l-aħħar 30 sena. Imbagħad Is-Segretarju Eżekuttiv, l-Uffiċċjali u l-impjegati preżenti jingħataw tifkira speċjali ta l-okkażżjoni.

Is-Sur Dalli kompla jgħid kif għal din is-serata għandhom jiġu mistiedna: is-Segretaju Parlamentari tal-Kunsilli Lokali, il-Kelliem ewlini ta' l-Oppożizzjoni, Direttur Ġenerali tal-Kunsilli Lokali, id-Deputati miż-żewġ naħat tal-Kamra tar-rappreżentanti tad-distrett, il-President tar-Reġjun,il-Kappillan u l-kleru, il-dawk kollha li ġew onorati f'Jum Ħal Lija fil-passat, Il-Presidenti u l-Kumitati ta' l-għaqdiet kollha ta' Ħal Lija Sportivi, Kulturali, Reliġjuzi, rappreżentanti ta dawk li jagħtu servizz f'Ħal Lija, konsulenti tal-Kunsill Lokali, (Pulizija, Community Policing, WSC, Enemalta, Kuntratturi tal-Kunsill etc.)

Wara li jingħataw Ġieħ Ħal Lija, iċ-ċertifikati ta' apprezzament u t-tifkiriet, is-Sur Dalli qal li għandha ssir bibita minnflokk dik il-bibita li s-soltu ssir fil-Milied (għax il-Kunsill skond il-liġi jista jagħmel bibita waħda f'sena, għal din l-okkażjoni jew okkażjonijiet oħra li l-Kunsill jiddeċiedi).

Wara diskussjoni żgħira li saret, s-Sindku f'isem il-kunsill ser jiprova jara kif din is-serata ssir ġo Villa Francia u jekk dan ma jkunx possibbli filkas issir fil-parking tas-Sala Villa Lia.
Ukoll kif tintemm din l-attivita l-kunsill jista jagħmel xi attivita mużikali li tibqa għaddeja sal-11:00pm fil-pjazza.

53.10.7 Is-Sindku qal kif dan il-program li qed jiproponi għadu biss il-qafas ta' x'jista jsir. Il-Kunsill irid jiddeċidi fuq programm fiss biex tibda titħejja din l-attivita. Il-Kunsilliera ħadu nota tal-program propost mis-Sindku u jidher li s'issa m'hemmx oġġezzjonijiet esaċċ. Il-qafas ta' x'jista jsir intoġgħob minn kulħadd.

## 53.11 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

53.11.1.1 <u>Ċirkulari Numru SPI/SCI/04/2023 – Skema Finanzjarja – Komunitajiet Aktar Siguri u Organizzati</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil kunsill kif ħarġet l-iskema finanzjarja għall-komunitajiet Aktar Siguri u Organizzati. Din l-iskema qed tiġi varjata sabiex tassisti lil kunsill lokali f'impenn tagħhom sabiex jiżguraw aktar sigurta, wens u serenita fil-komunitajiet tagħhom. Il-proġett li jagħżel japplika għalih il-kunsill irid jiġi mplementat sa mhux aktar tard mill-15 ta' Novembru 2024.

53.11.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tgħid li din l-iskema ħa tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża għall-attivita sa massimu ta €15,000. Il-Kunsill obbligat li mas-somma jagħti l-kontribut tiegħu ta' 15% u għandu ċans japplika sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa 28 ta' Lulju, 2023.

53.11.1.3 Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet taqra din iċ-ċirkulari fejn spjegat x'tip ta' proġetti jistgħu jitwettqu skond il-linji gwida mgħottija.

53.11.1.4 Kien hemm qbil unanimu biex il-kunsill japplika għall-installazzjoni ta' CCTV cameras fil-ġnien Ċentru Rikreattiv.

53.11.2.1 <u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' proġetti biex jitwettqu permezz tal-liskema tar-Reġjun Lvant – Titjieb fil-lokalita</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tas-Sindku u l-kunsilliera biex mill-iskema tar-Reġjun Lvant – Proġetti ta' titjieb fil-lokalita, mis-somma li l-kunsill għandu allokat dik ta' €35,000, jsiru diversi traffic calmers fir-raħal, sinjali/tabelli tat-traffiku u jinxtraw aktar fanali ornamentali skond il-bżonn (10 jew 12).

53.11.2.2 Il-Kunsill approva li jsir hekk.

53.11.3.1 <u>Ċirkulari Numru SPI/SCI/01/2023 – Skema għall-attivtajiet Kulturali Annwali 2023/2024 - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-applikazzjoni li ser jissottometti l-Kunsill taħt din l-iskema</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħat ressqet fuq il-mejda tal-kunsill Ċirkulari numru SPI/SCI/01/2023 – Skema għall-attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024, kif maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, dan għaliex fis-seduta preċedenti l-kunsill kien għadu ma ddeċidiex eżatt dwar l-attivita li ser japplika għaliha.

53.11.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-applikazzjoni mimlija, fejn permezz ta' din l-applikazzjoni l-Kunsill ser ikun qed jitlob finanzjament biex ikun jista jitella l-festival taċ-ċitru għas-sena 2024. Il-Kunsill unanimament approva din l-applikazzjoni bil-kontenut tagħha biex tintbgħat għall-attenzjoni tad-Dipartiment.

53.11.4.1 <u>Tender Opening report – Ħruġ għall-Sejħa ta' offerti għal manutenzzjoni tal-Parks u ġonna</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-kunsill, tender opening report, għal manutenzzjoni tal-Parks u ġonna. Kopja ta' dan ir-rapport intbgħat b'imejl lil kunsilliera dak inhar li nfetħu l-offerti.

53.11.4.2 Is-Sinjorina Borg spjegat kif l-offerti nfetħu fl-4 t' April 2023 u b'kollox kien hemm tlett offerti. Hija nfurmat lil kunsill kif l-evalwaturi li jinħatru s-soltu, Is-Sur Adrian Mifsud, Is-Sur Kevin incorvaja u is-Sur Daniel Galea, ġew ikkuntatjati biex jibdew l-evalwazzjoni minnufih. Hija ser iżżom lis-Sindku u l-Kunsilliera aġġornati bil-proċess tal-evalwazzjoni.

53.11.5.1 <u>Aġġornament dwar l-Appell fuq it-tender li nħareġ għall-manutezzjoni u tindif tal-latrini pubbliċi</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv aġġornat lil Kunsilliera dwar l-appell fuq it-tender tal-latrini li nstema fl-4 ta' April 2023 fid-9:00am. Is-Sinjorina Borg reġgħat fakret lil Kunsilliera wkoll kif il-Kunsill kien ħareġ din it-tender BPQR u mhux li tintgħażel l-irħas offerta. Dakinhar l-kunsill deher online quddiem il-bord tad-Dipartiment tal-Kuntratti biex jinstema dan il-każ ta' appell. F'isem il-Kunsill kien hemm preżenti hija bħala Segretarju Eżekuttiv mas-Sindku u l-avukat tal-kunsill. Kien hemm ukoll preżenti l-evalwaturi li kienu parti mill-bord tal-evalwazzjoni u l-kuntrattur li għamel l-appell flimkien mal-avukat tiegħu.

53.11.5.2 Fil-qosor is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif iż-żewġ partijiet b'permezz tal-avukati, ressqu t-tweġibiet u l-kummenti tagħhom dwar l-appell u issa qed nistennew mill-bord biex naraw favur minn inqata l-appell. Kif ikollha aktar infurmazzjoni hija ser terġa taġġorna lil kunsill.

53.11.6.1 <u>Kunsiderazzjoni tal-feedback li rċieva l-kunsill dwar il-possibilta li tiġi nstallatha one-way fi Triq Mikielanġ Borg</u>

Is-Sindku nforma lil kunsilliera dwar l-feedback li rċieva l-kunsill fuq il-possibilta li tiġi nstallatha one-way fi Triq Mikielanġ Borg. Mir-risposta tar-residenti jidher biċ-ċar li ħadd ma jridha din il-oneway u jippreferu li jibqgħu kif inhuma.

53.11.6.2 Is-Sindku, Anthony Dalli qal li huwa ma jsibx problema li l-one-way ma ssirx la r-residenti ma jridux, u l-kunsill f'dak il-każ mhux ser jiproċedi bl-implimentazzjoni. Iżda huwa għamel dikjarazzjoni fejn qal li jispera li ma jsirx xi aċċident għaliex huwa ser jibqa nkwetat minħabba s-sigurta f'dik it-triq u jekk jiġri xi aċċident, Alla jħares qatt, ir-residenti rridu jiftakru li l-kunsill prova jieħu azzjoni jagħmel it-triq one-way u jirranġa l-mod ta' kif jgħaddi t-traffiku f'din it-triq b'mod aktar sigur.

53.11.7.1 <u>Talba għal traffic calmers fi Triq Sant Andrija</u>

Residenta qed tagħmel talba mal-Kunsill biex fi Triq Sant Andrija minn fejn Triq Sant Andrija Sqaq nru 1 sa ħdejn il-Każin ta' Sant Andrija, jiġu installati aktar traffic calmers, għaliex ħafna karozzi vera qed jgħaddu bi veloċita qawwija.

53.11.7.2 Il-Kunsill ser jara eżatt kemm hemm bżonn li jiġu installati sleeping policemen u ser japplika ma' TM għall-approvazzjoni kif suppost. Is-Sur Dalli tenna kif xorta jekk tingħata l-approvazzjoni minn TM, bħal kull speeding hump oħra li applika għaliha diġa l-kunsill, irrid ukoll l-ewwel jinġieb il-kunsens tar-residenti li ser titweħħel quddiemhom, qabel ma tiġi installatha l-hump.

## 53.12 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

53.12.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 04/23 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €132.17 għax-xahar ta' Marzu.

53.12.2 Saret diskussjoni dwar pagament numru 13 bl-ammont ta' €3,459.54 għal ġbir tal-iskart imħallat u organiku u kif ukoll għall-ispejjeż tat-tipping fees għax-xahar ta' Frar 2023. Peress li l-kunsill għadu mhux kuntent u konvint dwar kif qed jiġu kkalkulati l-persentaġġi ta' dan l-ammont u minħabba il-kwistjoni tal-mixed collections mal-kunsill ta' San Ġiljan, il-kunsill kollu ma approvax dan il-pagament. Qabel tingħata spjegazzjoni ċara dwar kif qed jitħallat l-iskart ma' San Ġiljan, li għal kunsill din ma tagħmel sens ta' xejn għax anke ġie kkonfermat li t-trakk tal-iskart qabel jiġi Ħal Lija jkun Ħal Balzan, il-pagament żgur mhux ser isir lir-Reġjun.

53.12.3 Il-Kumplament tal-iskeda ta' ħlasijiet (apparti ħlas numru 13) kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mis-Sindku Anthony Dalli . Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-sindku u s-sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 53.13 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

53.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera kif b'kollox sad-data tas-seduta, ma kienx hemm applikazzjonijiet alarmanti ġodda, dan skond l-informazzjoni li dejjem tagħmel u li tibgħat it-townplanner tal-kunsill. Dawn l-applikazzjonijiet dejjem anke tintbgħat kopja tagħhom għall-attenzjoni tal-kunsilliera kollha, biex kemm il-darba jagħti każ li jkunu jixtiequ joġġezzjonaw fuq xi applikazzjoni, jkunu jistgħu jitolbu biex isir dan.

## 53.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

53.14.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku nforma lil Kunsilliera kif l-Erbgħa 10 ta' Mejju, ser issir ħarġa għall-Għawdex fl-okkażżjoni ta' Jum L-Omm. Qed issiru l-aħħar ftit arranġamenti dwar din il-ħarġa biex ikun jista jinħareġ il-programm għal din il-ġurnata.

53.14.2 Il-Viċi Sindku Daniel Mallia qal kif huwa qed juri nteress li jattendi għal kors li ser iħejji r-Reġjun b'isem 'Unleashing Innovation in Local Communities' u staqsa jekk mhux ser jattendi xi ħadd ieħor peress li persuna waħda biss tista tmur b'xejn mill-kunsill u jekk hemm aktar minn persuna waħda interessatha tmur, l-kunsill irid iħallas 80 Eur għal kull persuna addizzjonali. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li hija tixtieq tattendi ukoll. Is-Sindku qal li l-Kunsill ma jsibx oġezzjoni li jħallas 80 EUR għas-Sur Mallia biex ikun jista jmur ukoll pero ser jiġi kkuntatjat ir-Reġjun biex naraw jekk tingħatax concession li s-Sur Mallia jattendi with no cost u dan għaliex minħabba l-ġeneru tax-xogħol tiegħu jaf fl-aħħar minuta ma jkunx jista jmur u b'hekk il-kunsill jispiċċa jeħel l-ħlas ta' 80 EUR għalxejn.

53.14.3 Is-Sur Ċini staqsa jekk mill-fanali li qed jibdel il-kuntrattur bħalissa fir-raħal, dawk il-fanali qed jinbidlu jistgħux xi ftit minnhom jitweħlu fi postijiet / akwati li huma daqsxejn mudlama. Is-Sindku wieġbu kif dan is-suġġeriment diġa tressaq fi seduta oħra u kien ġie approvat li fejn hemm akwati mudluma u bżonn ta' aktar dawl, jista jitweħħel fanal minn dawn li qed jinqalaw. Trid issir lista ta' fejn hemm bżonn eżatti biex il-kunsill joqgħod attent għall-ispejjeż għaliex dawn biex iweħħeilhom il-kuntrattur hemm charge sintendi, pero din hija xi ħaġa li diġa ġiet diskussa u approvatha.

53.14.4 Is-Sur Ċini staqsa dwar l-arbli bil-bozoz ġodda li jridu jitweħlu fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv u meta dawn ser isiru. Is-Sindku wieġbu kif il-ħaddied li kien ser jaħdem bih il-kunsill kellu aċċident u għadu sfortunatement imweġġa, qed jibda jaħdem bilmod għadu.

53.14.5 Il-Kunsillier Ċini tkellem dwar il-bankijiet l-antiki li nqalaw minn fejn sar l-open air gym biex tweħlu oħrajn ġodda. Huwa staqsa lis-Sindku x'ser isir minn dawn il-bankijiet li nqalaw u jekk jistgħux jitpoġġew x'imkien ieħor. Is-Sur Dalli wieġbu kif ftit minn dawk il-bankijiet żgur li ser jitweħlu fil-passaġġ ta' ħdejn il-ground tal-futbol.

53.15.6 Il-Viċi Sindku għamel suġġeriment żgħir fejn qal li ssa li beda x-xogħol tal-pavimentar fi Vjal it-Trasfigurazzjoni, l-Kunsill missu jagħmel skeda ta' avviż żgħira bl-informazzjoni ta' kif ser jitwettaq il-proġett pass pass u titqassam lir-residenti ħalli kulħadd ikun infurmat. Is-Sindku qal li dan mhux il-każ ta' bżonn li ssir din l-ittra u kull min jrid informazzjoni dwar kif ser jitwettaq il-proġett għandu jibgħat imejl lil kunsill u jiġi nfurmat minnufih bid-dettalji kollha jew inkella jitlob appuntament mal-kunsill. M'hemmx bżonn tintbgħat ittra għax aktar hemm ċans li nfixxklu lin-nies hekk u kull min għandu dubju jew xi mistoqsija dwar il-proġett aktar faċli jagħmel kuntatt diret mal-kunsill individwalment.

53.15.7 Il-Ħin kien 6:22pm x'ħin ntemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa 17 ta' Mejju 2023 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-5:00pm mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum l-Erbgħa 17 ta' Mejju 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |